**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU SITTA U ĦAMSIN** **17 TA' JANNAR, 2024**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-kunsilliera, s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard (on line), is-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **56.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 56.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiija. |
| | | |
| **56.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 56.2.3 | | Fir-rigward ta' 55.2.3 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fil-Mosta hemm il-pjazza għolja aktar mit-toroq li jmissu magħha, din trid titla għaliha b'rampa. |
| | | |
| 56.2.4 | | Fir-rigward ta' 55.4.4 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li s-siġar ta' fejn il-mitħna għadhom mhux miżbura. U jeħtieġ li tinżabar is-siġra li tinsab waħida fi Triq il-Wied. |
| | | |
| | | |
| 56.2.4 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u ħamsin -il seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***56.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 56.3.1 | | Is-Sindku qalet li fir-rigward tal-laqgħa li kellha mal-Onor. Ministru Miriam Dalli, kien hemm ftehim li kull fejn ser isiru trinek f'toroq li l-wiċċ tagħhom ilu li sar minn 5 snin 'l hawn, ir-reinstatement tagħhom, ser isiru b'wiċċ ta' full width tat-triq.<br>Is-Sindku qalet li l-ilmenti li qed jidħlu qed jiġu solvuti wara li jiġu rrappurtati.<br>Dawn ix-xogħlijiet suppost għandhom ikunu lesti sa' Mejju.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill hemm bżonn li ma jgħatix permessi ta' xogħol fl-istess toroq jew fil-viċinanzi tagħhom biex ma jkunx hemm inkonvenjent għar-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-proċedura hi impossibbli li ssir mill-istaff tal-Kunsill, barra li ser tkun ta' inkonvenjent għal dawk li jkollhom xogħol ta' kostruzzjoni ippjanat.<br>Kien hemm qbil li x-xogħlijiet li ser jintalbu biex isiru minn entitajiet oħra barra Enemalta, jinżammu sakemm jispiċċaw ix-xogħlijiet preżenti.<br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-ftehim li sar bejn il-Kunsill Lokali u l-entita Enemalta waqt il-laqgħa li saret, li kellha tintbgħat ittra bieb bieb, mill-Enemalta, lil dawk ir-residenti li ser jintlaqtu, ma saritx.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li talba għal permessi kien hemm lista ta' madwar 30 triq, meta fil-fatt hemm iżjed toroq li se isirilhom xogħol fihom u li s'issa l-Kunsill mhux infurmat dwarhom. Fosthom hemm triq viċin iċ-ċimiterju li diġa beda x-xogħol fiha. |
| | | |
| 56.3.2 | | Is-Sindku qalet li fir-rigward tal-proġett ta' Misraħ Repubblika, tkellmet mal-Perit tal-Kunsill, u kien hemm qbil li ssir laqgħa bejn il-Kunsill, l-għaqdiet, ħwienet u residenti, ħalli kulħadd ikun infurmat x'ser isir.<br>Kien hemm qbil li ssir il-laqgħa. |
| | | |
| 56.3.3 | | Is-Sindku qalet li ilha tinsisti biex fiż-Żurrieq jkollna l-Karnival organizzat. Hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Kumitat organizzattiv tal-Karnival u ġie ikkonfermat li din is-sena l-attivitajiet tal-Karnival ser jibdew miż-Żurrieq. Fit-8 ta' Frar, ser issir serata tal-Karnival fi Triq P P Saydon u Misraħ Repubblika. Ser ikun hawn karrijiet u żfin. Issuġġeriet li jkun hawn kompetizzjoni tal-isbaħ kostum għat-tfal u għal kbar, fejn jiġu ġġudikati minn esperti f'dan il-qasam u li ma jkunux żrieraq. Lill-Kunsill din l-attivita ser tinvolvih biss – permessi neċessarji, trophies għar-rebbieħa tal-kostumi, sound u dwal. |
| | | |
| ***56.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 56.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li:<br>• Fi Sqaq Numru 1 fi Triq il-Kbira hemm persuna b'diżabilta u tixtieq poles biex ma jipparkjwax vetturi quddiem ir-residenza tagħha, b'tali mod li jgħalqulha l-aċċess.<br>• Is-Sinjura Josephine Grixti li kienet għamlet esibizzjoni tal-arti tagħha tixtieq li tagħtihom lill-Kunsill biex jiġbor flus għall-karita. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 56.4.3 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li :<br>• l-Mitħna tax-Xarolla ser tagħlaq 300 mitt sena, jeħtieġ li jsir avveniment.<br>• Il-ħajt ta' Triq il-Barrieri jinsab perikoluż. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li meta kellha appuntament ma' IM u uriethom ir-ritratti tal- ħajt (iċ-ċint ta' Triq il-Barrieri li jgħati għal HOS Nigret) infurmaw li mhux perikoluż.<br>• Triq San Pawl k/m Triq Santa Katarina jeħtieġ li jsiru tabelli/marki tat-toroq slow, għax qed isiru diversi inċidenti tat-traffiku f'salib it-toroq. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 56.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• Hemm bżonn refresh ta' linji fi Triq Santa Katarina viċin Vjal il-Blue Grotto.<br>• Hemm bzonn bozza fi Triq Filippu Farrugia k/m Triq is-Sindku- din jeħtieġ li titwaħħal ma' arblu għax ħadd ma jridha mad-dar tiegħu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq il-Warda hemm persuna li trid bankina dejqa quddiem id-dar tagħha għax qed itajrulha l-gallarija. Kien hemm qbil li l-Kunsill iġib il-permessi minn TM biex isiru bankini dojoq fuq iż-żewġ naħat, wara li jiġiebu l-indirizzi eżatt tal-persuni li jeħtieġulhom.<br>• Wara ġnien il-ġibjun, sidien tal-għelieqi għamlu tumbati biex jidħlilhom l-ilma fl-għelieqi, dawn jinsabu perikolużi u diġa waqgħet persuna fihom. Kien hemm qbil li jiġu infurmati l-pulizija u jitneħħew fl-immedjat.<br>• Hemm bzonn li Triq Costantino Farrugia isirilha materjal temporanju li jwitti t-triq. Kien hemm qbil li jiġi ikkuntatjat is-Segretarju Parlamentari fuq il-PW għall-għajnuna tiegħu.<br>• Hemm bzonn li jinżabar iż-żebbuġ ta' taħt iċ-ċint. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>F'dan il-ħin daħlet għas-seduta l-Kunsillier Marisa D'Amato (19:10)<br>F'dan il-ħin ħareġ mis-seduta l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia (19:10) |
| | | |
| 56.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li:<br>• jrid appuntament mal-ħaddiem tal-Kunsill biex imur jiżbor is-siġar ta' ġnien il-ġibjun.<br>• Jeħtieġ li l-Kunsill jinsisti biex l-art fi Triq Gervaze Matthew issir tal-Kunsill b'devoluzzjoni. Bħalissa qed joħorġu ħafna skemi fejn jistgħu jgħinu lill-Kunsill fil-fondi. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 56.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Jeħtieġ li jitnaddfu l-poles li waħħal il-Kunsill, fi Vjal il-Blue Grotto u Vjal ix-Xarolla. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| 56.4.7 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Fuq ħadid li kien tkellem fuqha f'seduta preċedenti, li kien jinsab madwar is-Salib ta' Triq il-Kbira. Kien hemm qbil li jerġa jsir wara li l-Kunsill iġib stimi mingħand ħaddied.<br>• Biex isir car show fi Vjal ix-Xarolla fis-service road fix-xhur li ġejjin. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fir-rigward tal-pageant tal-Ġimgħa l-Kbira, l-Onor. Minsitru Owen Bonnici kien wiegħed li ser jgħati ħames telef euro, imma issa ser jgħati 2,200E, minħabba li fis-sena 2022 kien diġa ta ammont ieħor. Bħala preparamenti fuq il-pageant tal-Ġimgħa l-Kbira mexjien sew u qed isiru diversi laqgħat. Ser jiddaħlu żrieraq u soċjetajiet. Fakkar li din l-attivita ser tiġi tiswa madwar 10 t'elef euro hekk kif kien il-qbil waqt is-seduta preċedenti. Imma issa l-Kunsill ser ikollu joħroġ aktar fondi minħabba li dak imwiegħed tnaqqas bin-nofs. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li din l-attivita jeħtieġ li tibqa issir kull sena. |
| | | |
| 56.4.8 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard infurmat li waqgħet vettura f'kanal fi Triq G M Callus. Is-Sindku infurmat lill-IM immedjatament u ittieħdu passi dak il-ħin stess. |
| | | |
| 56.4.9 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-Kunsill ser jordna inċirata biex jissaqqaf il-cat village u l-Kunsill ikun jista jibda jdaħħal lill-qtates fih u jkun aċċettat mil-PA. Jiddispjaċiha li xebgħet tara qtates jinħaqru barra. |
| | | |
| | | |
| | | |
| **56.5** | | **PA 6673/20 - kienu preżenti l-konsulenti għall-Kunsill Lokali fuq applikazzjonijiet tal-PA.** |
| | | |
| 56.5.1 | | Wieħed mill-Konsulenti qal li permess PA5090/21 (Triq il-Barrieri fejn l-ex Garden of Eden), qed jindika art oħra u mhux dik li kulħadd jaf bħalha *parking area* li kienet qed tintuża meta kienu jsiru riċevimenti. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment tal-artijiet informazzjoni ta' min hu s-sit.<br>• Fuq il-każ ta' Triq Rokku Buhagiar PA7787/23 il-Kunsill ser joġġezzjona minħabba li parti mil-binja imsemmija tinsab fil-UCA.<br>• Fuq il-każ ta' Ħal Far PA 7736/23, PA112/24 din tinsab fiż-żona industrijali. Il-Kunsill ma rax il-bżonn li joġġezzjona. |
| | | |
| ***56.6*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 56.6.1 | | Tressaq ir-rapport tal-aħħar kwart tas-sena finanzjarja maħdum mill-accountant tal-Kunsill. Ġie approvat. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 56.6.2 | | Tressaq draft tar-rapport tal-Pjan ta' Ħidma sena 2023-2027 imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv. Dan ġie diskuss u approvat. |
| | | |
| ***56.6.3*** | | ***Tender: For the Provision and Administration of Pre-mixed cold asphalt surface repair material***<br>***Tender Supply and installation of Various Street Furniture and Ancillaries prodced with Environmentally Friendly Materials and processes*** |
| | | |
| 56.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li infetħu t-tenders –<br>***Tender: For the Provision and Administration of Pre-mixed cold asphalt surface repair material.***<br>Kien hemm offerent wieħed Charles Baldacchino fejn issottometta kollox tajjeb.<br>***Kien hemm qbil li jingħata l-commencement notice.***<br><br>***Tender Supply and installation of Various Street Furniture and Ancillaries prodced with Environmentally Friendly Materials and processes.***<br>***L-offerenti kienu dawn:***<br>Urban Play Solutions – 625,648E<br>High Rock Ltd - 1135,744E<br>Mario Mallia - 236,947E<br>Gokker Ltd - 498,844E<br><br>Kull offerent kellu d-dokumenti mitluba, wara li intalbet kjarifika. Għalhekk intgħażel l-orħos offerent.<br><br>**Kien hemm qbil fuq dan u li tista tinħareġ il-Commencement notices.** |
| | | |
| ***56.7*** | | ***Bust għat-Tabiba Maria Sciberras*** |
| | | |
| 56.7.1 | | Intbagħtu talbiet għall-stimi fuq bust lill-artisti. Ħadd mill-artisti li bgħattna ma weġibna lura. Wieħed minnhom infurmana li l-artisti ma jgħatux stima ta' idejhom, imma jekk wieħed jafda artist, jafdaħ għax ikun ra xogħlijiet tiegħu.<br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard issuġġeriet li l-Kunsill jitkellem mal-Kunsill Paola u nagħmlu bħalhom.<br>Il-Kunsill qabel biex tali bust isir fejn il-Berġa tas-saħħa.<br>Wara li l-Kunsill ikollu l-ispiża f'idejh, jiġu avviċinati l-familjari. |
| | | |
| ***56.9*** | | ***Attivita tal-Ġimgħa l-Kbira*** |
| | | |
| 56.9.1 | | Dan l-item ġie mitkellem waqt id-diskors tal-Kunsillier Kyle Mifsud. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***56.10*** | | ***Performance Appraisal Reports tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill*** |
| | | |
| 56.10.1 | | Is-Sindku ressqet ir-rapport li ħejjiet fuq is-Segretarju Eżekuttiv u s-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti tal-impjegati, li kollha kienu diġa tessqu b'email lill-Kunsilliera kollha.<br><br>Kull rapport ġie approvat hekk kif issuġġeriet li kulħadd jieħu l-massimu tal-bonus. |
| | | |
| **55.9** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***55.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 55.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br><br>• Infurmat li jekk il-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tat-Torri tal-Wardija, jkollu jieħu ħsieb ukoll il-manutenzjoni tiegħu. Din tinvolvi spiża kbira ħafna. Kien hemm qbil li għalissa ma tintalabx devoluzzjoni għat-torri.<br>• Ix-xogħol fejn il-fetħa ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena ser jibda fil-qrib. Tnaddfet l-akwata permess tal-għajnuna tal-community Police u tal-kuntrattur tal-Bulky refuse. Fi ftit jiem oħra jibeda x-xogħol ta' konki madwar is-siġar u kurduna bil-konkos biex fuqha jitpoġġew xi bankijiet.<br>• Biex isir tower crane fi Triq Donato Del Piano għal madwar sena. TM talbu li t-Triq issir one way. Il-Kunsill irid jiddeċiedi liema naħa. Il-Kunsill iddeċieda li mhux ser jingħata permess sakemm l-akwata tkun lesta mix-xogħlijiet tal-Enemalta.<br>• Biex isir tower crane fis-side road ta' Vjal il-Blue Grotto, ix-xogħol ser idum 6 xhur minn Frar. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Persuna li għandha l-għalqa tagħha fi Triq il-Pluvieri, tixtieq tagħmel proġett biex bih tagħti l-għajnuna lil Hospice Movement. Din trid li fl-għalqa tħawwel kwantita kbira ta' sunflowers u tifforma maze. Jiġu mistiedna tfal biex jattendu u jħallsu donazzjoni ta' 5E kull wieħed. Il-flus jinqasmu ma' Hospice Movement. Biex din il-persuna tkun tista tagħmel dan il-proġett, ikun irid jissieħeb ma' entita governattiva biex jinħareġ DNO mill-PA. Dan il-permess ikun għal 4 xhur, sakemm idumu ħajjien is-sunflowers. Kien hemm qbil fuq dan li l-Kunsill jidħol biss biex jaġġlika għal permessi meħtieġa.<br>• Daħlet applikazzjoni għall-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira biex issir fil-Mitħna tax-Xarolla, mis-Sur Antoine Schembri. Id-dati mitluba huma mis-Sibt 23 sas-Sibt 29 ta' Marzu. Fl-applikazzjoni hemm affarijiet barra bħal – ħinijiet, ħlas tad-dħul, assigurazzjoni etc. Kien hemm qbil fuq din l-attivita u li l-Kunsill għandu javża lill-kumpanija tal-assigurazzjoni li ser ikun hemm attivita.<br>• L-MOU tal-mitħna tax-Xarolla ser ikun iffirmat mis-Sindku u mid-Direttur Generali jew din il-ġimgħa jew ġimgħa oħra. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 55.9.2 | | **Proġetti tal-Komunita – Fondi mil-LESA** |
| | | |
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħarġu applikazzjonijiet għal-fondi ta' proġetti fil-Komunita, mill-LESA.<br>Hi ssuġġeriet li l-Kunsill Lokali japplika għall-fondi biex jitħallas ix-xogħol li għadu kif inbeda fi Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq. Tali xogħol kellu jimbeda fl-immedjat minħabba l-periklu li kien fih. L-applikazzjonijiet jgħalqu fis-16 ta' Frar, 2024.<br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 55.9.3 | | **SPI/SCI/1/2024 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025** |
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-applikazzjoni issir fuq il-monument tal-gwerra, peress li jinsab fi stat ħażin. Waħda mill-klawżoli hi -<br>*maintain the proposed building/monument in its restored state for a period of ten years following project completion.* |
| | | |
| ***55.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-***<br>***ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 55.10.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 27 u 28 u tal-Gal Xlokk numru 147. |
| | | |
| ***55.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 55.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok3 għall-ammont totali ta' €85,807.10<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u mill-kunsilliera Kaydem Schembri u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***55.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 55.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' FRAR, 2024.

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**